MALTA

## QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### MIRIAM HAYMAN

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2014

Numru. 136/2014

**Il-Pulizija**
**Spettur Dennis Theuma**

**VS**

**Roxanne Grech, detentrici tal-karta tal-identita' numru 352090M;**

## Il-Qorti;

Rat l-akkuzi kontra '1 hawn fuq imsemmija **<u>Roxanne Grech</u>**, li giet akkuzata talli:

1. F’dawn il-Gzejjer, nhar l-14 ta’ Novembru, 2012, u matul l-ahhar sitt xhur ta’ qabel din id-data, kellha fil-pussess taghha r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi prerazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli f’dawn il-Gzejjer, fl-14 ta’ Novembru, 2012, minghajr awtorita’ legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli, xtrat jew irceviet minghand xi persuna, kif ukoll kellha fil-pusess taghha biljetti tal-flus f’valuta Ewro falsifikati, meta kienet taf li l-istess biljetti tal-flus kienu falsifikati, ai termini tal-Artikolu 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali a folio 9;

Rat ukoll il-Kontro Ordni tal-Avukat Generali (a folio 33) u dan ai termini tal-Artikoli 22 u 31 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta; kif ukoll l-Artikoli mibghuta, 46 u 47 tal-Att dwar il-Bank Centrali ta’ Malta, Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ukoll illi moqrija l-istess Artikoli, l-imputata tat il-kunsens taghha ghal tali proceduri.

Rat illi l-imputata rregistrat ammissjoni;

Rat illi kkonfermat l-istess ammissjoni, moghtija zmien, b’dan pero li gie registrat illi l-ammissjoni kienet fuq pussess semplici u l-Artikolu 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Issottomettiet ukoll illi l-Artikolu 47 tal-Kapitolu 204 tal-Ligiijet ta’ Malta, kif indikat fl-Artikoli, ma jinkwadrax fic-

citazzjoni originali u stiednet lill-Qorti ma tihux konjizzjoni tal-istess.

Rat illi fil-bidu tal-proceduri l-Ufficjal Prosekutur iddikkjara li l-imputata kellha tibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti taqbel perfettament ma’ dak elenkat mid-Difiza - illi l-Artikolu 47 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta’ Malta, mibghut fl-Artikoli tal-Avukat Generali, ma kinx formanti parti mill-akkuzi li bdew din il-kawza. Illi huwa ben stabbilit illi l-Avukat Generali ma jistax jaddebita akkuzi godda li ma jkunux irrizultaw mill-akkuzi li fuqhom inbniet l-Istruttorja.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni, il-Qorti, wara li rat l-ammissjoni tal-imputata, qed issib htija ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Rat ukoll l-Artikolu 22(2)(b) tal-imsemmi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta; u kif ukoll l-Artikolu 46 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Rat ukoll l-Artikolu 29 tal-imsemmi Kapitolu 101; u ghalhekk l-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Rat il-fedina penali tal-imputata, illi ghalkemm hija ta’ eta’ zghira diga’ bdiet tiehu xejra drastika u qieghda ghalhekk tqieghda taht Ordni ta’ Probation ghal zmien sentejn (2) mill-lum, b’dan illi l-Probation Officer ghandu jirraporta Lilha kull xahrejn (2), b’mod partikolari dwar il-programm kontra l-abbuz tad-droga.

Tordna wkoll illi l-karta ta’ flus ezebita u mmarkata bhala SB 126.2014 tigi mghoddija lill-Bank Centrali ghad-debita distruzzjoni tal-istess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------